Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**6376/17**

**COPEN 53**
**EUROJUST 33**
**EJN 16**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Kornelios Korneliou, Ambaxxatur/Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 20 ta' Jannar 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja<br>- Notifika minn Ċipru |

Għażiż Segretarju Ġenerali,

Bi twettiq tal-obbligi tar-Repubblika ta' Ċipru li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas 2009/829/ĠAI msemmija hawn fuq, b'dan nibgħatlek in-notifiki rilevanti mir-Repubblika ta' Ċipru u t-test tal-Liġi Nru 121(I)/2016 tagħha, li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq fl-ordni legali nazzjonali tagħha.

(Formula ta' għeluq)

(f.) Kornelios Korneliou

**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja**

**Notifika skont l-Artikolu 27(2)**

Skont l-Artikolu 27(2) tad-Deċiżjoni Qafas, ir-Repubblika ta' Ċipru b'dan tibgħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill it-test tal-leġislazzjoni nazzjonali, il-Liġi Nru 121(I)/2016, li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq fl-ordni legali nazzjonali tagħha.

Il-Liġi Nru 121(I)/2016 daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2016 hekk kif ġiet ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika.

**Notifika skont l-Artikolu 6(1)**

L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Ċipru huma:

1. Fejn ir-Repubblika ta' Ċipru tkun l-Istat emittenti, l-awtorità kompetenti għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet fir-Repubblika ta' Ċipru tkun il-Qorti tas-Sisa jew il-Qorti Distrettwali li teżerċita ġurisdizzjoni kriminali, li tkun kompetenti tisma' ir-reat jew li tkun ħarġet deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni.

2. Fejn ir-Repubblika ta' Ċipru tkun l-Istat tal-eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti fir-Repubblika ta' Ċipru għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni minn Stat Membru ieħor dwar miżuri ta' superviżjoni hija:

(a) il-Qorti Distrettwali fil-ġurisdizzjoni territorjali li fiha l-persuna kontra min inħarġet deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni fi Stat Membru ieħor tkun residenti.

(b) il-Qorti Distrettwali ta’ Nikosija, jekk ir-residenza tal-persuna inkwistjoni ma tkunx magħrufa jew jekk ma tkunx residenti fir-Repubblika ta’ Ċipru.

**Notifika skont l-Artikolu 7(3)**

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku huwa l-awtorità ċentrali li tassisti lill-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ u r-rikonoxximent ta’ deċiżjonijiet fit-trasmissjoni u l-irċeviment amministrattivi tagħhom u fid-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 9, kif ukoll fil-korrispondenza uffiċjali kollha relatata ma' dawn.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku huma:

Leoforos Athalassas 125
1461 Nicosia, Cyprus
Tel.: +357 22805950/951
Fax: +357 22518356
Posta elettronika: registry©mjpo.gov.cy

**Notifika skont l-Artikolu 8(2)**

Ir-Repubblika ta’ Ċipru b’dan tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, minbarra l-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas, biħsiebha wkoll tissorvelja l-miżuri ta’ superviżjoni li ġejjin:

1) l-obbligu li l-persuna ma tipparteċipax f'attivitajiet speċifikati marbuta mar-reat(i) allegatament imwettaq/imwettqa, li jistgħu jinkludu involviment fi professjoni jew qasam ta' impjieg speċifikati;

2) obbligu li tiġi ddepożitata ċerta somma ta' flus bħala garanzija jew li jingħata tip ieħor ta' garanzija, li tista' tiġi pprovduta jew permezz ta' għadd speċifikat ta' ħlasijiet parzjali jew kollha f'daqqa;

3) obbligu li jiġi evitat kuntatt ma’ oġġetti speċifiċi marbuta mar-reat(i) allegatament imwettqa, jew li jittieħdu bħala evidenza.

**Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 9(4)**

Ir-Repubblika ta’ Ċipru tiddikjara li ser taċċetta biss li tintbagħat deċiżjoni dwar miżuri ta’ superviżjoni fir-rigward ta’ persuna li ma tkunx legalment u normalment residenti fir-Repubblika ta’ Ċipru meta dik il-persuna tkun residenti fit-territorju tagħha għal perijodu ta’ mill-anqas tliet (3) xhur.

**Notifika skont l-Artikolu 21(3)**

Ir-Repubblika ta’ Ċipru tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fit-teħid ta' deċiżjoni dwar iċ-ċediment tal-persuna lill-Istat emittenti, hija ser tapplika wkoll l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI fuq il-Mandat ta’ Arrest Ewropew.

**Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 24**

Ir-Repubblika ta' Ċipru taċċetta ċertifikati bil-Grieg jew bl-Ingliż.